GVERN TA' MALTA
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

youth advisory forum

# Pożizzjoni għal Membru fil-Youth Advisory Forum

Is-Segretarju tal-Kabinett (Uffiċċju tal-Kabinett) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru qed jilqa' applikazzjonijiet għal pożizzjoni ta' Membru fil-Youth Advisory Forum (hawnhekk imsejjaħ bħala l-Forum).

## Dmirijiet

Membru fil-Forum għandu dawn id-dmirijiet li ġejjin:

i. Flimkien mal-membri l-oħra, jagħmel rakkomandazzjonijiet infurmati fuq suġġetti differenti, inkluż liġijiet, strateġiji u pjanijiet, ta' importanza nazzjonali liċ-Chairman u l-membri l-oħra tal-Forum.

ii. Jirċievi u jaqsam l-ideat, statistika u evidenza miġbura wara riċerka u konsultazzjoni ma' żgħażagħ oħra kif ukoll entitajiet governattivi, għaqdiet non-governattivi, entitajiet privati u l-pubbliku.

iii. Jattendi l-laqgħat kollha tal-Forum li jsiru minn tal-anqas darba fix-xahar.

iv. Jipparteċipa fit-tħejjija ta' rakkomandazzjonijiet li jiġu sottomessi lill-Kabinett.

v. Jirrispetta l-kunfidenzjalità tad-dettalji u l-andament tal-laqgħat u d-deċiżjonijiet addottati mill-Forum qabel ma dawn jgħaddu lill-Kabinett.

vi. Xogħol ieħor kif jista' jintalab miċ-Chairman tal-Forum.

## Termini u kundizzjonijiet

Il-ħatra ta' membru tkun valida għal tmintax-il xahar u tista' tiġġedded darba, sakemm il-kundizzjonijiet l-oħra kollha jkunu rrispettati.

Il-membri jitħallsu €1,733 fis-sena (5% ta' Skala ta' Salarju 5) skont ir-regolamenti li jirregolaw il-bordijiet konsultattivi tas-Servizz Pubbliku.

## Rekwiżiti tal-eliġibilità

Sad-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti jridu jkunu:

i. Żgħażagħ ta' bejn is-16 u l-35 sena ta' ċittadinanza Maltija jew ċittadinanza barranija iżda li jkunu ilhom jgħixu Malta għal tliet snin qabel id-data tal-applikazzjoni.

ii. Proficjenti fil-Malti jew fl-Ingliż.

iii. Kapaċi jippromwovu l-kapaċitajiet personali tagħhom, l-esperjenza tax-xogħol, kwalifiċi, rappreżentanza ta' setturi differenti tas-soċjetà u l-veduti tagħhom dwar suġġetti differenti.

iv. Ta' kondotta tajba u ma jistax ikollhom xi kunflitt ta' interess li jista' jtellifhom milli jaqdu d-dmirijiet tagħhom. L-applikazzjoni għandha tinkludi Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra maħruġ mhux aktar kmieni minn xahar mid-data tal-applikazzjoni.

v. L-applikanti jistgħu jintalbu jippreżentaw dokumenti sabiex jissostanzjaw l-informazzjoni li tkun ingħatat fl-applikazzjoni.

L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi għall-attenzjoni tal-Uffiċċju tal-Kabinett, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru permezz tal-website primministru.gov.mt. Dawn għandhom jinkludu curriculum vitae flimkien ma' dokumentazzjoni ta' appoġġ kif ikun meħtieġ.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sal-Ġimgħa 4 ta' Lulju 2025 f'12:00pm (Ħin tal-Ewropa Ċentrali). L-applikanti jirċievu rikonoxximent tal-applikazzjoni tagħhom b'mod elettroniku. Applikazzjonijiet sottomessi tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-mistoqsijiet għandhom jintbagħtu fuq **cabinet.office@gov.mt**.